MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Numru. 311/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Paul Axiaq bin Joe u Maria nee` Tabone, imwieled fid-9 ta' Ottubru, 1980 u residenti St John, Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 435294(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Axiaq li gie akkuzat talli fil-11 ta' Frar, 2007 ghal habta ta' 02:55a.m. bhala l-persuna li ghandu il-permess biex jaghmilha ta' sostitut ta' Jonathan Xuereb I.D. 121494(M) u jiggestixxi l-hanut 'Al Porto Bar' li jinsab fi Triq Manoel De Vilhena, Mgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex;

1. Naqas milli jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kundizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija soggetta l-licenzja billi daqq jew ippermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut wara l-23:00 hrs dan bi ksur tal-Artikolu 43 (1)(b) tal-Kap 409 u Regolament 38(2)(a) tal-Avviz Legali 1/2006.

Semghet il-provi.

Billi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax b'mod car jekk fil-fatt l-imputat huwiex kopert b'licenzja ghad-daqq tal-muzika wara l-23:00.

Wara li rat l-artikoli 43(1) (b) tal-Kap 409 u Regolament 38 (2) (a) tal-Avviz Legali 1/2006.

Fuq nuqqas tal-provi.

Liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------